Nru. 17,920
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2006
Tuesday, 9th May, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 402

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,916 tat-2 ta' Mejju, 2006.

A.L. Nru. 109 ta' l-2006: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku (Emenda Nru. 3).

Id-9 ta' Mejju, 2006

Nru. 403

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bejn it-Tlieta, id-9 ta' Mejju 2006 u l-Erbgħa, l-10 ta' Mejju 2006 u l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impieg, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'seħħ minn nhar il-Ħamis, il-11 ta' Mejju, 2006, matul l-assenza kontinwa ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-9 ta' Mejju, 2006
(OPM 3/2006)

GOVERNMENT NOTICES

No. 402

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,916 of the 2nd May, 2006.

L.N. No. 109 of 2006: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) (No. 3) Regulations, 2006.

9th May, 2006

No. 403

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, between Tuesday, 9 May 2006 and Wednesday, 10 May 2006 and that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, with effect from Thursday, 11 May, 2006, during the continued absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

9th May, 2006

Nru. 404

ATT DWAR IT-TAXXA TAL-MEWT U TAD-DONAZZJONI (KAP. 239)

Bord ta' Kummissarji Speċjali

Nomina ta' *Chairman,* Membri u Membri Sostituti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni (Kap. 239) il-President ta' Malta għamel in-nomini li ġejjin fil-Bord ta' Kummissarji Speċjali kostitwit skond l-Att imsemmi:

Chairman
L-Imħallef Victor Caruana Colombo, LL.D.

Membri
Is-Sur Robert Zerafa, BE&A (Hons); MSc Road Eng., A.&C.E.
Is-Sur Peter Meilak

Membri Sostituti
Is-Sur Joseph Agius Bonello, A. & C.E.
Is-Sur John A. Consiglio, MBA, FCIB, Dip FS, Dip (Law & Adm).

Il-Membri Sostituti jaġixxu minflok il-Membri tal-Bord kull meta dawn ta' l-aħħar ma jkunux jistgħu jwettqu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 364 tat-12 ta' April, 2005 hija b'din imħassra.

Id-9 ta' Mejju, 2006

No. 404

DEATH AND DONATION DUTY ACT (CAP. 239)

Board of Special Commissioners

Appointment of Chairman, Members and Substitute Members

IN exercise of the powers conferred by article 26 of the Death and Donation Duty Act (Cap. 239) the President of Malta has made the following appointments to the Board of Special Commissioners constituted under the said Act:

Chairman
Judge Victor Caruana Colombo, LL.D.

Members
Mr Robert Zerafa, BE&A (Hons); MSc Road Eng., A.&C.E.
Mr Peter Meilak

Substitute Members
Mr Joseph Agius Bonello, A. & C.E.
Mr John A. Consiglio, MBA, FCIB, Dip FS, Dip (Law & Adm).

The Substitute Members will act instead of the Members of the Board whenever the latter are unable to carry out the functions of their office.

Government Notice No. 364 of the 12th April, 2005 is hereby cancelled.

9th May, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 34

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Munxar, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006 mis-7.30 p.m. sad-9.30 p.m., nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju 2006 mit-8.00 p.m. sad-9.30 p.m., nhar is-Sibt, is-27 ta' Mejju 2006 mis-7.30 a.m. sad-8.45 a.m. u minn nofsinhar san-12.30 p.m. u mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m. u mid-9.00 p.m. sal-11.30 p.m. u nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006 mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m. u

POLICE NOTICE

No. 34

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Munxar, Gozo

On Friday, 19th May 2006 from 7.30 p.m. till 9.30 p.m., on Friday, 26th May 2006 from 8.00 p.m. till 9.30 p.m., on Saturday, 27th May 2006 from 7.30 a.m. till 8.45 a.m. and from noon till 12.30 p.m. and from 6.00 p.m. till 7.30 p.m. and from 9.00 p.m. till 11.30 p.m. and on Sunday, 28th May 2006 from 8.30 a.m. till 9.30 a.m. and from 11.30 a.m. till

mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq Marziena.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju 2006 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Mejju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsillejl minn Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Mejju 2006 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Munxar, Ġużè Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, Ta' Rinota u Tarsu.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Mejju 2006 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, Ta' Rinota u Tarsu.

Huwa pprojbit l-ipparkjar tal-vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-Munxar, Għawdex

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Ġunju 2006 mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Wilġa, Dun Karm Caruana, Pjazza s-Salvatur u Salvu Gambin.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ġunju 2006 mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza s-Salvatur, Dun Karm Caruana, il-Wilġa u Salvu Gambin.

Huwa pprojbit l-ipparkjar tal-vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Mejju, 2005

12.30 p.m. and from 6.30 p.m. till 11.30 p.m. through Triq Marziena.

On Friday, 26th May 2006 from 6.30 p.m. to midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 27th May 2006 from 9.00 a.m. till midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 27th May 2006 from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: il-Munxar, Ġużè Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, Ta' Rinota and Tarsu.

On Sunday, 28th May 2006 from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, Ta' Rinota and Tarsu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found there will be towed.

Munxar, Gozo

On Saturday, 3rd June 2006 from 7.00 p.m. through the following streets: il-Wilġa, Dun Karm Caruana, Pjazza s-Salvatur and Salvu Gambin.

On Sunday, 4th June 2006 from 7.00 p.m. through the following streets: Pjazza s-Salvatur, Dun Karm Caruana, il-Wilġa and Salvu Gambin.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found there will be towed.

9th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager* (Żvilupp ta' Agrikoltura, Sajd u Infrastruttura) fil-Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-mili tal-pożizzjoni ta' *Manager* (Żvilupp ta' Agrikoltura, Sajd u Infrastruttura) fil-Ministeru għal Għawdex.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Manager* (Żvilupp ta' Agrikoltura, Sajd u Infrastruttura) fil-Ministeru għal Għawdex, liema kuntratt jista' jiġi mġedded għal perijodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Manager* (Żvilupp ta' Agrikoltura, Sajd u Infrastruttura) fil-Ministeru għal Għawdex matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) in the Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) in the Ministry for Gozo.

2.1. The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) in the Ministry for Gozo, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) in the Ministry for Gozo during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Manager* (Żvilupp ta' Agrikoltura, Sajd u Infrastruttura) fil-Ministeru għal Għawdex u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar minn massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna tithalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif ipprovdut fil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ta' Lm8,081 (massimu ta' skala ta' salarju 7) fis-sena. Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, tithallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-doveri ewlenin ta' din il-pożizzjoni huma:-

(a) li tagħti kontribut fil-progess ta' konsultazzjoni bejn l-aġenziji tal-gvern u l-korpi kostitwiti f'Għawdex bil-għan li jiġu mobilizzati fondi strutturali biex jgħinu fl-iżviluppi ta' agrikoltura, sajd u infrastruttura f'Għawdex;

(b) familjarizzar mad-direttivi u regoli ta' l-Unjoni Ewropea li jikkonċernaw Fondi Strutturali in ġenerali, b'mod partikolari ma' l-*European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (EAGGF),* mal-*Financial Instrument for Fisheries Guidance (FIFG)* u ma' l-*European Regional Development Fund (ERDF);*

(ċ) familjarizzar ma' l-istrateġija Ewropea għar-ristrutturar tas-setturi tal biedja u sajd, u għat-titjib fil-faċilitajiet ta' l-infrastruttura;

(d) familjarizzar mal-bżonnijiet ta' żvilupp ta' Għawdex fis-setturi tal-biedja u sajd, kif ukoll man-nuqqasijiet ta' infrastruttura tal-gżira;

(e) koordinament tal-kontribuzzjoni ta' Għawdex fil-*Programme Documents* għal proġetti li jibbenifikaw mill-ESF u mill-ERDF (barra minn investiment soċjali u indiġenu);

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Gozo as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties of Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered a subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to the position of Manager (Agriculture, Fisheries and Infrastructure Development) is Lm8,081 (maximum of salary scale 7) per annum. The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 10% of his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main objectives and duties in this position are the following:-

(a) contributing towards the consultation process amongst government agencies and constituted bodies in Gozo in an effort to mobilise structural funds to assist the development of agriculture, fisheries and infrastructure facilities in Gozo;

(b) familiarising him/herself with European Union Directives and Regulations concerning Structural Funds in General and European Agricultural Guidance and Guarantee Fund, the Financial Instrument for Fisheries Guidance and the European Regional Development Fund in particular;

(c) familiarising him/herself with European Strategy for the restructuring of the fisheries and agriculture sector and for the improvement of infrastructural facilities in member States with lower per capita incomes;

(d) familiarising him/herself with Gozo's development needs in the agriculture and fisheries sector and with the island's most significant infrastructural shortcomings;

(e) co-ordinating the preparation of ESF- and ERDF-related (except Social and Indigenous Investment) inputs of Gozo into Programming Documents;

(f) taħdem qrib mal-*Planning and Priorities Co-ordination Division* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll ma' *stakeholders* oħra inklużi *project leaders*;

(ġ) issegwi, tevalwa u tirraporta regolarment fuq il-progress ta' proġetti li jkunu ffinanzjati parzjalment mill-Unjoni Ewropea kif ukoll tirraporta regolarment fuq in-nefqa fuq dawn il-proġetti;

(ħ) tassigura li d-*deadlines* ikunu rrispettati;

(i) tattendi laqgħat/konferenzi u żżomm rendikont tagħhom; u

(j) tagħmel xogħol ieħor kif mitluba mid-Direttur (*EU Affairs, Policy Development and Programme Implementation).*

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġizlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom *degree* rikonoxxuta f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju;

Business Management, Studji Ewropej, *Public Policy, Economics* jew oqsma oħra relatati;

(f) working closely with the Planning and Priorities Co-ordination Division at the Office of the Prime Minister and other stakeholders including project leaders;

(g) monitoring, evaluating and regularly reporting of the progress of EU-Co-financed projects including regular reporting on the expenditure on such projects;

(h) ensuring that deadlines are respected;

(i) attending meetings/conferences and keeping records thereof; and

(j) carrying out other duties as may be required by the Director (EU Affairs, Policy Development and Programme Implementation).

5.1. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a recognized degree in one of the following areas of studies:

Business Management, European Studies, Public Policy, Economics or related fields;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47). Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have been in the Malta Government Service, giving details);

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li:

5.2. Due consideration will be given to candidates who:

(a) juru inizjattiva, kreattività u impenn;

(a) demonstrate initiative, creativity and commitment;

(b) għandhom *record* ippruvat fit-tħaddim ta' proġetti;

(b) have a proven track record in project management;

(ċ) ikollhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni eċċellenti u kmand eċċellenti ta' l-ilsien Ingliż;

(c) have excellent communication skills and are highly proficient in the English Language;

(d) għandhom kapaċitajiet tajba fin-negozjar.

(d) have good negotiating skills.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer ta' spiss fuq xogħol.

7. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.2. Representatives in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

9. The selected candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position will require working additional or irregular hours.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

10.2. Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than a month from the closing date of the call for applications;

11.1. Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatta għall-pożizzjoni.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għal Għawdex.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Gozo.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:
http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatt għal din il-pożizzjoni.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the position.

13. L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Ministeru għal Għawdex jew jitniżżlu minn fuq dawn il-*websites*:-

www.doi.gov.mt/EN/employment#opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

13. Applications may be obtained from the Ministry for Gozo or downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment#opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006.

14. Applications, together with detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria, Gozo by not later than noon of Friday, 2nd June 2006.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formoli ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex mhux aktar tard minn

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 2nd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Gozo, by not later than one week after the closing date together with an

ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +356 – 21558078).

16. (a) Tingħata riċevuta minnufih mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex.

Id-9 ta' Mejju, 2006

explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is +356 21558078).

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Gozo, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Gozo within seven (7) days.

9th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* fid-Direttorat ta' l-*Integrated Administration and Control System* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* fid-Direttorat ta' l-*Integrated Administration and Control System* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Quality Control Manager* fid-Direttorat ta' l-*Integrated Administration and Control System* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Quality Control Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Quality Control Manager* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*,

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Quality Control Manager in the Integrated Administration and Control System Directorate within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Quality Control Manager in the Integrated Administration System Directorate within the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Quality Control Manager in the Integrated Administration and Control System Directorate within the Ministry for Rural Affairs and the Environment, which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Quality Control Manager during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 . If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer with a substantive grade in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Quality Control Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through

il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* huwa ta' Skala 7 (bħalissa Lm6,713 fis sena li jitla' b'Lm228 kull sena sa massimu ta' Lm8,081). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fil-Servizz Pubbliku Malti, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* fid-Direttorat ta' l-*Integrated Administration and Control System* jinkludu:

(a) li tiggarantixxi lill-amministrazzjoni ċentrali, livell għoli ta' kwalità fix-xogħol li qed jitwettaq, li jinkludu l-oqsma ta' tagħrif espert segwenti: *LPIS (Land Parcel Identification System), Aid Application Process, Risk Analysis, on-the-spot checks*;

(b) li tagħżel il-kampjun ta' xogħol li għandu jiġi suġġett għall-kontroll tal-kwalità

(ċ) li ssegwi l-livell ta' kwalità matul il-proċess operazzjonali shiħ, li jinkludi r-reviżjoni bir-reqqa tax-xogħol li qed jitwettaq fl-immaniġġjar tat-talbiet għall-pagamenti;

(d) li tagħmel superviżjoni fuq il-korrezzjonijiet neċessarji wara l-konklużjoni tal-proċess tal-*Quality Control*;

(e) li tassigura li jkun hemm segregazzjoni ta' dmirijiet kif rikjest biex iżżomm l-integrità tax-xogħol li jsir.

4.2. Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mingħand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjoniiet ta' l-UE);

progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to the position of Quality Control Manager is equivalent to Salary Scale 7 (currently Lm6,713 per annum rising by annual increments of Lm228 up to a maximum of Lm8,081). In case the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The duties of Quality Control Manager in the Integrated Administration and Control System Directorate include:

(a) guaranteeing to the central administration a high quality of the work being carried out, to include the following areas of expertise: LPIS (Land Parcel Identification System), Aid Application Process, Risk Analysis, on-the-spot checks;

(b) selecting the sample of work to be subjected to quality control;

(c) monitoring the level of quality during the whole operational process including the accurate revision of the work carried out in the management of payment claims;

(d) supervising any corrections needed after concluding the process of Quality Control;

(e) ensuring a proper segregation of duties to preserve the integrity of the work done.

4.2. A complete Position Description appertaining to this position can be obtained from the Department of Corporate Services, Human Resources Section, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta.

5. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

jew

(iv) il-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, u mill-inqas sena esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, u mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) Uffiċjali Pubbliċi bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi skala ta' salarju mhux inqas minn Skala 10 u mill-inqas sitt snin esperjenza ta' xogħol f'materja ta' l-Unjoni Ewropea.

(d) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); filwaqt dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom *track record* maniġerjali tajjeb (u li ta' dan iridu juru evidenza li laħqu l-miri tagħhom b'suċċess f'pożizzjonijiet preċedenti), u li għandhom esperjenza relatata ma' l-IACS.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma

or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) in possession of a recognised postgraduate degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least one year work experience in EU matters;

or

(ii) in possession of a recognised first degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least three years work experience in EU matters;

or

(iii) Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service in a salary scale not below Scale 10 with at least six years work experience in EU matters.

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Public Service, giving details.

6. Due consideration will be given to applicants who have a good track record in management and produce evidence of having been achievement-oriented in previous positions and who have experience related to IACS.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413),

jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi fuq kuntratt, jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi li għandhom grad sustantiv (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

10.1. L-applikanti eligibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla sabiex jiġi aċċertat min minnhom hu adatt għal din il-pożizzjoni.

10.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jigi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for contractual public officers/public officers holding a substantive grade, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jigu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/re/ruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, CMR 02, Malta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006, jistgħu jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, CMR 02, Malta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +356 2123 5650.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed sabiex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Mejju, 2006

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

11. Selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14 M.A. Vassalli, Street, Valletta.

13. Applications, together with a *curriculum vitae* including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd June 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 2nd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2123 5650.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

9th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Kariga ta' Kap tal-"MEDIA Desk" (Malta) fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kap tal-*MEDIA Desk* (Malta) fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala Kap tal-*MEDIA Desk* (Malta) fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika għal perjodu ta' sena, liema kuntratt jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Jekk ma jintlaħaqx riżultat sodisfaċenti bħala Kap tal-*MEDIA Desk* matul il-perjodu tal-kuntratt, dan iwassal għat-tmiem ta' l-istess kuntratt.

2.2 Il-kontinwazzjoni ta' dan l-ingaġġ hija soġġetta għall-konferma tal-programm *MEDIA* li bħal issa jkopri l-perjodu 2007-2013.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li ma jiġġeddedx jew jintemm il-kuntratt.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' Kap tal-*MEDIA Desk* (Malta) u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' ingaġġ tagħha kif ipprovdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' Kap tal-*MEDIA Desk* (Malta) fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura jkollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,081 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-persionable allowance*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Head of MEDIA Desk (Malta) in the EU Affairs and Policy Development Directorate, Ministry for Tourism and Culture

The Public Service Commission invites applications for the position of Head of MEDIA Desk (Malta) in the EU Affairs and Policy Development Directorate of the Ministry for Tourism and Culture.

2.1 The selected officer will be expected to enter initially into a performance contract as a Head of MEDIA Desk (Malta) in the EU Affairs and Policy Development Directorate for a period of one year, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Head of MEDIA Desk (Malta) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 The continuation of this engagement will also be subject to the confirmation of the MEDIA programme currently scheduled for 2007-2013.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Tourism and Culture as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.4 If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Head of MEDIA Desk (Malta) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered a subsequent renewal of contract.

3. The position of Head of MEDIA Desk (Malta) in the EU Affairs and Policy Development Directorate of the Ministry for Tourism and Culture attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm8,081 per annum). In the case of the selected candidate being already a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 Sakemm ma jkunx hemm tibdil fid-Deċiżjoni Komunitarja, persuna fil-kariga ta' Kap tal-*MEDIA Desk* (Malta) fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tkun mistennija li taqdi d-dmirijiet tagħha kif ġej:

(a) iżżomm infurmati n-nies professjonali li jaħdmu fil-qasam awdjoviżiv bl-arranġamenti varji ta' għajnuna li jistgħu jibbenefikaw minnhom;

(b) tagħmel pubblikità u tippromovi l-programmi *MEDIA Plus* u *MEDIA Training* kif ukoll ġenerazzjonijiet sussegwenti tal-programmi;

(ċ) tħeġġeġ parteċipazzjoni massima min-nies professjonali fl-attivitajiet ta' dawn il-programmi;

(d) tgħin in-nies professjonali fil-preżentazzjoni ta' proġetti wara li tkun saret sejħa għall-proposti;

(e) tippromwovi koperazzjoni bejn nies professjonali minn pajjiżi differenti;

(f) iżżomm kuntatt ma' gruppi diversi li joffru għajnuna fl-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-programm jikkumplimentaw miżuri ta' għajnuna nazzjonali; u

(g) meta jkun hemm il-bżonn tipprovdi informazzjoni lill-Awtoritajiet kompetenti Maltin responsabbli mis-settur awdjoviżiv fuq mistoqsijiet u kwistjonijiet relatati mas-settur.

4.2 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tirrapreżenta lill-Gvern Malti f'*fora* internazzjonali.

4.3 Mal-hatra tagħha l-persuna magħżula tkun mistennija li tirtira minn sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess fil-konfront tad-doveri tal-kariga, u li tevita sitwazzjonijiet simili matul il-perjodu li tkun qed taqdi d-dmir ta' Kap tal-MEDIA Desk (Malta).

5.1 L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) ċittadini ta' Malta;

(b) fil-pussess ta' lawrija ta' wara l-gradwazzjoni, fil-qasam tal-Komunikazzjoni jew fis-suġġett ta' l-istudji Umanistiċi jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli kif ukoll ikollhom sena esperjenza relevanti; jew

lawrija fil-Komunikazzjoni jew suġġett ta' l-istudji Umanistiċi jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli kif ukoll tliet snin esperjenza relevanti; jew

uffiċjali pubbliċi bi grad sustantiv ta' mhux anqas minn Skala 10 li għandhom sitt snin esperjenza relevanti.

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-

4.1 Unless the relevant Community Decision provides otherwise, the Head of MEDIA Desk (Malta) in the EU Affairs and Policy Development Directorate will primarily be expected to carry out the following duties:

(a) informing professionals in the audiovisual sector of the various support arrangements available;

(b) publicising and promoting the MEDIA Plus and the MEDIA Training programmes and subsequent generations of the programmes;

(c) encouraging maximum participation by professionals in the programmes' activities;

(d) assisting professionals with the presentation of projects in response to call for proposals;

(e) fostering trans-border cooperation between professionals;

(f) liaising between the various support bodies in the Member States with a view to ensuring that programme activities complement national support measures; and

(g) when necessary, provide feedback to the competent Maltese authority responsible for the audiovisual sector on questions and issues related to the sector;

4.2 The selected candidate will be expected to represent the Maltese Government in international fora.

4.3 On appointment, the selected officer would be expected to withdraw from situations of conflict of interest with the duties of the post and to avoid such situations during the period he/she serves as Head of MEDIA Desk (Malta).

5.1 Applicants for the position must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a post-graduate degree in Communications or a Humanities subject or an appropriate, comparable, recognised qualification, plus one year relevant experience; or

a first degree in Communications or a Humanities subject or an appropriate, comparable, recognised qualification plus three years relevant experience; or

public officers holding a substantive grade in a salary scale not below Scale 10 who have six years relevant experience.

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP47)); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji);

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:

(a) huma kapaċi jitkellmu u jiktbu tajjeb bl-Ingliż u bil-Malti;

(b) ikunu jifhmu sewwa dwar istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma awdjoviżivi;

(c) għandhom kwalifiki professjonali jew esperjenza fl-oqsma tal-*films*, televiżjoni jew awdjoviżivi; u

(d) jafu jużaw tajjeb il-kompjuter.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies minn ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar il-Servizz Pubbliku u esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tad-Dipartiment għat-Turiżmu, 172, Triq Melita, Valletta, Malta.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who are:

(a) able to speak and write fluently in the Maltese and English languages;

(b) knowledgeable about European Union institutions and their activities in the audio visual sections;

(c) hold professional qualifications or are experienced in the fields of film, television or audiovisuals; and

(d) knowledgeable in the use of computers.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) or other competent authority may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD or other competent authority. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the EU Affairs and Policy Development Directorate and copied to NCPD or other competent authority.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position;

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Tourism, 172, Melita Street, Valletta, Malta.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8.2 F'każ hekk, il-persuna magħżula tkun marbuta bil-kundizzjonijiet rilevanti tal-PSMC.

9. Il-persuna magħżula tkun mistennija taħdem ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-ftehim għal Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema ftehim jidher fl-Appendiċi XIII/IX rispettivament tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fuq http://www.mpo.gov.mt

12. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li għandha tinkludi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura, Berġa ta' l-Italja, Triq Merkanti, Valletta CMR 02, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8.2 In such a case the selected applicant will be bound by the relevant PSMC conditions.

9. The selected applicant will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates or testimonials (photocopies to be included with the applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address http://www.mpo.gov.mt.

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. Applications, together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (EU Affairs and Policy Development), Ministry for Tourism and Culture, Auberge d'Italie, Valletta CMR 02, Malta by not later than noon of Friday, 2nd June 2006.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/empoloyment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura, Berġa ta' l-Italja, Triq Merkanti, Valletta CMR 02.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura, Berġa ta' l-Italja, Triq Merkanti, Valletta CMR 02, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttorat huwa (+356) 22 98 13 09.

16. (a) Tingħata rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mid-Direttur (Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika).

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Affarijiet Ewropej u Żvilupp ta' Politika jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Mejju, 2006

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the EU Affairs and Policy Development Directorate, Ministry for Tourism and Culture, Auberge d'Italie, Valletta CMR 02.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by Friday, 2nd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the EU Affairs and Policy Development Directorate by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. The fax number of the Directorate is (+356) 22 98 13 09.

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (EU Affairs and Policy Development) and a receipt will be given in hand at the time of the delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (EU Affairs and Policy Development) within seven (7) days

9th May, 2006

EUROPEAN UNION

Notice of Vacancies with the European Maritime Safety Agency as Contract Agents

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Maritime Safety Agency (EMSA), for the recruitment in the following positions of Contract Agents on a contract basis:

1. EMSA/CA/2006/01 – Mail Handler.
   The successful candidate will be recruited in Function Group 1
   Closing date 12 May 2006

2. EMSA/CA/2006/02 – Driver
   The successful candidate will be recruited in Function Group 1
   Closing date 12 May 2006

The European Maritime Safety Agency is an agency of the European Union. The goal of the Agency is to provide technical and scientific assistance to the European Commission and Member States on matters relating to the proper implementation of European Union legislation on maritime safety and pollution by ships.

The place of employment is Lisbon where the Agency will be relocated in April 2006. For further details regarding the relocation, please visit the website of EMSA at http://www.emsa.eu.int.

The successful candidates will be appointed as Contract staff member under the provisions of title IV, Article 80 of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. The initial duration of the contract is two years, with possibility of renewable.

Applications shall contain the following documents:

a) A detailed curriculum vitae in European format (that can be obtained from the following address http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/vernav/Europasss+Documents/Europass+CV/navigate.action or downloaded from the EMSA website.

b) A duly completed and signed declaration of honour (which can be downloaded from the EMSA website).

c) A motivation letter of 2 pages maximum.

Applications should be sent by registered mail the postmark serving as proof of the date of dispatch to the following address:

(Vacancy ref. No and position title)
EMSA,
HR Sector,
12, Rue de Genëve,
1049 Brussels, Belgium.

Only complete applications containing the three above-mentioned documents and sent by registered mail will be taken into account. Candidates are requested to send four copies (one original + 3 copies) of their application in order to facilitate the recruitment process.

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on the method of application, may be found on the EMSA website at http://www.emsa.eu.int under "Vacancies – Contract Agents". The website may be also accessed via the above-mentioned EPSO website.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

9th May, 2006

EUROPEAN UNION

Vacancy Notice
for the Post of Project Officer in the Field of Renewable Energy with
the Intelligent Energy Executive Agency, (IEEA)

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following vacancy notice in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the Intelligent Energy Executive Agency, IEEA.

Ref: IEEA/IV/2006/001 – Project Officer in the field of Renewable Energy.

The selected candidate will be recruited as Contract Staff, in function group IV, pursuant to Article 3(a) of the new Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. The contract will be until 31 December 2008 and may be renewed. Further information on the working conditions of contract staff may be seen on http://europa.eu.int/epso/contract-agents/conditions_en.htm

For applications to be valid, applicants must submit a detailed curriculum vitae in European format (template available at: http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/hornav/Downloads/navigate.action a letter of motivation (2 pages maximum)

and the eligibility and selection criteria grid (see excel file (IEEA/IV/2006/001). The application will be rejected if the dossier is incomplete.

Applications must be sent to mailbox TREN-IEEA-HR@cec.eu.int by 19 May 2006 at the latest, clearly indicating the vacancy reference number in the subject line.

Further information on contractual conditions of employment, on duties and responsibilities, on qualifications and other eligibility requirements, and on the method of application, may be found on the Intelligent Energy Executive Agency website at http://europa.eu.int/comm/energy/intelligent/index_en.html which may be also accessed through the above-mentioned EPSO website.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

9th May, 2006

THE EUROPEAN POLICE COLLEGE (CEPOL) OF THE EUROPEAN UNION

Vacancy Notices

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published eight vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Police College (CEPOL), for the recruitment of the following positions as Temporary Staff/Contract Staff on a contract basis:

1. Programme Coordinator	Temporary Staff	Grade AD 7
2. Communications Officer	Temporary Staff	Grade AST 4
3. IT Officer	Temporary Staff	Grade AST 5
4. Personnel and Administration Officer	Temporary Staff	Grade AST 5
5. Web and Communications Assistant	Contract Staff Function	Group II
6. Secretary (Administration)	Contract Staff Function	Group II
7. Secretary (Programmes)	Contract Staff	Function Group II
8. Receptionist	Contract Staff	Function Group II

The European Police College (CEPOL) was established by European Union Council Decision (2000/820/JHA) in December 2000 to operate as a network of Member States national training institutes providing training, research and learning services to senior police officers and law enforcement officials who are involved in activity to combat cross border and international crime.

The successful candidates for the above posts will be offered as an initial contract term as members of the Temporary Staff/Contract Staff of a maximum 4 years, which may be renewed once. The overall maximum length of service will be 6 years.

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the CEPOL website www.cepol.net. It may also be accessed through the above-mentioned EPSO website.

An information pack containing the job description and application form can be downloaded from the CEPOL website at www.cepol.net.

Candidates are to ensure that they have signed and dated the application form, which must be sent in time to arrive along with a C.V. no later than 12 May 2006. One original signed copy and 3 Copies of the application form and supporting documents should be sent to:

Director CEPOL Secretariat,
CEPOL House,
Bramshill,
Hook,
Hampshire, RG27 0JW,
UK.
(Marked CONFIDENTIAL)

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

9th May, 2006

KUNSILL LOKALI KALKARA

Post ta' Librar/a *Part-Time*

Id-Dipartiment tal-Libreriji u Arkivji u l-Kunsill Lokali Kalkara jilqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni kwalifikati għall-post ta' librar/a *part-time* fil-librerija pubblika li tinsab fi Triq l-Isptar Navali fil-Kalkara.

Min jintgħażel ikun mistenni li jħaddem apparat ta' l-uffiċ ċju, kapaċi juża l-kompjuter u jaħdem mill-inqas 7 sigħat fil-ġimgħa. Ikun irid imexxi l-librerija skond kif il-Kunsill jiddeċ iedi minn żmien għal żmien u ħinijiet oħra li l-Kunsill flimkien mad-Dipartiment jista' jistabbilixxi 'l quddiem.

Min jintgħażel ikun mistenni li jieħu ħsieb is-servizzi anċ illari provduti fil-librerija u jiġbor il-ħlasijiet għalihom.

Jistgħu japplikaw dawk li jokkupaw jew kienu jokkupaw post ta' librar/a jew dawk il-persuni li għandhom *Diploma* ta' Librar/a jew dawk li għandhom minimu ta' 5 ċertifikati tas-SEC li jinkludu l-Malti u l-Ingliż.

L-applikazzjoni flimkien mal-curriculum vitae li tindika l-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed ikollu, għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Kalkara sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006.

Id-9 ta' Mejju, 2006

KALKARA LOCAL COUNCIL

Post of Librarian Part-Time

The Department of Libraries and Archives and the Kalkara Local Council notify that applications will be received from qualified persons for the post of part-time librarian in the public library situated at Triq l-Isptar Navali at Kalkara.

The selected candidate will be expected to use office equipment, will be able to use the computer and work at least seven hours a week. He will be expected to manage the library according to the Council's decisions from time to time and work during hours which the Council, together with the Department, may establish later on.

The appointee will be expected to cater for the ancillary services provided in the library and collect the fees due.

Those who occupy or who previously occupied the post of librarian or those persons who are in possession of a Librarian's Diploma or those in possession of at least five SEC certificates which include Maltese and English may apply.

Applications, together with the curriculum vitae showing one's qualifications and experience, should reach the Office of the Kalkara Local Council by noon of Friday, 19th May, 2006.

9th May, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – *IT Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija qed ifittex li jingaġġa, fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni, *full-time lecturing staff* għall-programmi tiegħu ta' livell oghla sa l-Ewwel *Degree*.

Il-kandidati għandhom ikunu kwalifikati bl-esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:-

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C/. Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS,WANS)
Object Oriented Techniques

Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati bi kwalifika f'Cisco CCNA, Microsoft MCSE jew MCAD.

Dan jinħtieġ *lecturing staff* motivat ħafna li qed jistinka biex jagħmel karriera ta' sodisfazzjoni f'organizzazzjoni li qed tiżviluppa u li tħares 'il quddiem. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa li jkunu profiċjenti fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u komunikazzjoni u li jkunu kompetenti li jaqsmu ma' l-istudenti t-tagħrif u l-ħiliet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija ta' l-informazzjoni tal-lum.

Aktar dettalji u l-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST. Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-15 ta' Mejju, 2006, f'nofsinhar. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-indirizz li ġej:-

Il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST,
It-Telgħa ta' Kordin
Raħal Ġdid PLA 08
Tel: 23987100, *Fax:* 23987316
www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC Nru. 76/2005

Id-9 ta' Mejju, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies – IT Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit, in the Institute of Information and Communication Technology, full-time lecturing staff for its higher level programmes up to a First Degree.

Candidates must be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C/. Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS,WANS)
Object Oriented Techniques

Preference will be given to candidates with a Cisco CCNA, Microsoft MCSE, or MCAD qualification.

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization. The selected candidates will be required to be proficient in the field of information and communication technology and competent in imparting to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy.

Further details and application forms are available from the Human Resources Office at MCAST Main Campus. Prospective candidates are invited to submit the competed College application form, accompanied by their employment history sheet obtainable from ETC, by not later than Monday, 15th May 2006 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the address below.

MCAST Main Campus
Corradino Hill
Paola PLA 08
Tel: 23987100, Fax: 23987316
www.mcast.edu.mt

ETC Permit No. 76/2005

9th May, 2006

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché - Funds, Programmes and Staffing,* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Is-Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervisti għall-pożizzjoni

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of Interviews for the Engagement on Contract in the Position of Technical Attaché - Funds, Programmes and Staffing, at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, notifies that the result of the interviews in connection with

msemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista jarah fin-*notice-board* fir-*Reception Area* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, u fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-9 ta' Mejju, 2006

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Riżultat għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jgħarraf illi r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni f'Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-9 ta' Mejju, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) – 2006

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi r-riżultat ta' l-eżami msemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-9 ta' Mejju, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' Ġunju 2006, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar minn Pembroke *Ranges* fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

